# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 209/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**JM**

***-vs-***

**RM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JM data 26 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu nhar is-sitta ta' Dicembru tas-sena elf disa mija u sitta u disghin (06.12.1996)* ***ara dok. JM 1****;*

2. *ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu zewg t'itfal u cioe B li twieled f'X u E li twieldet f'Y b'dana li illum iz-zewg t'itfal ghandom 23 u 22 rispettivament.*

3. *ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom de jure legalment separati mill-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (15.12.2003) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Marco Burlo (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala '****Dok. JM 2****');*

*ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

*iii. Illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;*

4. *ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bħala '**Dok. JM 3**'.*

5. *ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kaptitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. *TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fis-sitta ta' Dicembru tas-sena elf disa mija sitta u disghin (06.12.1996);*

2. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

3. *TAWTORIZZA lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe '**B'***

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat , debitament notifikat ma ppresentat ebda risposta u lanqas ma deher ghas-seduti mhejjija, ghaldaqstant huwa kontumaci; (vide fol 22)

Rat il-fakolta moghtija lilu ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet tieghu;

Rat illi minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti; (vide fol 22)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JM xehdet** (vide affidavit Dok JM3, fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' Dicembru 1996 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Marco Burlo nhar il-15 ta' Dicembru 2003. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' xehdet illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-kontendenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien***

***għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Dicembru 1996, liema zwieg jgib certifikat numru 2182/1996 (Vide certifikat taz-zwieg Dok JM1, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo nhar il-15 ta' Dicembru 2003 (vide Dok. JM2 fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti taghraf illi ma hemm ebda eccezzjoni li ghandha titqanqal ex officio u dan fid-dawl tal-kontumacja tal-intimat.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2182/1996 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'B' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**